

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1788****tal-15 ta' Settembru 2023****li jemenda l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 fir-rigward tal-entrati għar-Renju Unit u għall-Istati Uniti fil-listi ta' pajjiżi terzi awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 230(1) u 232(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jipprovdi li biex jidħlu fl-Unjoni, il-konsenji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali jridu jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew minn territorju, jew minn żona jew kompartiment tiegħu, elenkati f'konformità mal-Artikolu 230(1) ta' dak ir-Regolament.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692<sup>(2)</sup> jistabbilixxi r-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li trid tinżamm il-konformità magħhom għad-dħul fl-Unjoni ta' konsenji ta' ċerti speċijiet u kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jkunu ġejjin minn pajjiżi terzi jew territorji jew żoni tagħhom, jew minn kompartimenti tagħhom fil-każ tal-annimali tal-akkwakultura.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404<sup>(3)</sup> jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti tagħhom, li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni tal-ispeċijiet u l-kategoriji tal-annimali, tal-prodotti ġerminali u tal-prodotti li joriġinaw mill-annimali li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.
- (4) B'mod aktar partikolari, l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jistabbilixxu l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji, jew żoni tagħhom awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni rispettivament, ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, tal-laħam frisk u l-prodotti tal-laħam tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa.
- (5) Ir-Renju Unit innotifika lill-Kummissjoni dwar tliet tifqigħat tal-influenza avjarja b'patoġeniċità għolja (HPAI) fil-pollam, fiż-żoni amministrattivi ta' Aberdeenshire fl-Iskozja, u Cheshire u Staffordshire fl-Ingilterra, li ġew ikkonfermati fl-10 ta' Settembru 2023, fit-8 ta' Settembru 2023 u fis-7 ta' Settembru 2023, rispettivament, b'analiżi tal-laboratorju (RT-PCR).
- (6) Wara dawk it-tifqigħat riċenti tal-HPAI, l-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit stabbilew żoni ristretti ta' mill-anqas 10 km madwar l-istabbilimenti affettwati u implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw il-preżenza tal-HPAI u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda.

<sup>(1)</sup> ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 tat-30 ta' Jannar 2020 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għad-dħul fl-Unjoni, u l-moviment u l-immaniġġjar wara d-dħul ta' konsenji ta' ċerti annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 379).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 tal-24 ta' Marzu 2021 li jistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi, territorji jew żoni tagħhom li minnhom huwa permess id-dħul fl-Unjoni ta' annimali, prodotti ġerminali u prodotti li joriġinaw mill-annimali f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 114, 31.3.2021, p. 1).

- (7) Ir-Renju Unit ssottometta informazzjoni lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tiegħu u dwar il-miżuri li ħa biex jipprevjeni aktar tixrid tal-HPAI.
- (8) Dik l-informazzjoni ġiet evalwata mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tqis li, fid-dawl tas-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali fiż-żoni bir-restrizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet veterinarji tar-Renju Unit, id-dħul fl-Unjoni ta' konsenji tal-pollam, tal-prodotti ġerminali tal-pollam, u tal-laħam frisk tal-pollam u tal-għasafar tal-kaċċa minn dawk iż-żoni jenħtieġ li jiġi sospiż, biex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali tal-Unjoni.
- (9) L-Istati Uniti pprovdew informazzjoni aġġornata lill-Kummissjoni dwar is-sitwazzjonijiet epidemjoloġiċi fit-territorji tagħhom fir-rigward tal-HPAI li wasslu għas-sospensjoni tad-dħul fl-Unjoni ta' ċerti prodotti, kif stabbilit fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.
- (10) L-Istati Uniti ssottomettew informazzjoni aġġornata dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fit-territorju tagħhom b'raba ma' tliet tifqigħat tal-HPAI fi stabbilimenti tal-pollam fl-istat ta' New York, li ġew ikkonfermati bejn il-25 ta' Lulju 2023 u t-3 ta' Awwissu 2023.
- (11) L-Istati Uniti ssottomettew ukoll informazzjoni dwar il-miżuri li hađu biex jipprevjenu aktar tixrid tal-HPAI. B'mod partikolari, wara dawn it-tifqigħat ta' dik il-marda, l-Istati Uniti implimentaw politika ta' qerda biex jikkontrollaw u jillimitaw it-tixrid ta' dik il-marda, u lestew ukoll ir-rekwiżit tat-tindif u tad-dizinfekzjoni wara l-implimentazzjoni tal-politika ta' qerda fl-istabbilimenti tal-pollam infettati fit-territorji tagħhom.
- (12) Il-Kummissjoni evalwat l-informazzjoni sottomessa mill-Istati Uniti. Il-Kummissjoni tqis li l-Istati Uniti pprovdew garanziji xierqa li s-sitwazzjoni tas-saħħa tal-annimali li wasslet għas-sospensjonijiet, ma għadhiex tirrappreżenta theddida għas-saħħa tal-annimali jew għas-saħħa pubblika fl-Unjoni, u li għaldaqstant jenħtieġ li jiġi awtorizzat mill-ġdid id-dħul fl-Unjoni tal-komoditajiet tal-pollam miż-żoni kkonċernati tal-Istati Uniti li minnhom kien ġie sospiż id-dħul fl-Unjoni.
- (13) Għalhekk, jenħtieġ li l-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 jiġu emendati biex titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-rigward tal-HPAI fir-Renju Unit u fl-Istati Uniti.
- (14) Filwaqt li titqies is-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali fir-Renju Unit fir-rigward tal-HPAI u biex ikun evitat tfixkil bla bżonn fil-kummerċ mal-Istati Uniti, l-emendi li jridu jsiru fl-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 permezz ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jsiru effettivi b'urġenza.
- (15) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 2

### **Dħul fis-seħħ u applikabbiltà**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Settembru 2023.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

## ANNEX

L-Annessi V u XIV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 huma emendati kif ġej:

(1) L-Anness V huwa emendat kif ġej:

(a) fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(i) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.456, US-2.457 u US-2.458 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"US L-Istati Uniti	US-2.456	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		25.7.2023	6.9.2023
	US-2.457		N, P1		29.7.2023	6.9.2023
	US-2.458		N, P1		3.8.2023	6.9.2023";

(ii) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.318, GB-2.319 u GB-2.220 jiżdiedu wara r-ringiel għaż-żona GB-2.317:

"GB Ir-Renju Unit	GB-2.318	BPP, BPR, DOC, DOR, SP, SR, POU-LT20, HEP, HER, HE-LT20	N, P1		7.9.2023	
	GB-2.319		N, P1		8.9.2023	
	GB-2.320		N, P1		10.9.2023";	

(b) fil-Parti 2, fl-entrata għar-Renju Unit, id-deskrizzjonijiet li ġejjin taż-żoni GB-2.318, GB-2.319 u GB-2.320 jiżdiedu wara d-deskrizzjoni taż-żona GB-2.317:

"Ir-Renju Unit	GB-2.318	near Uttoxeter, East Staffordshire, Staffordshire, England, GB The area contained within a circle of a radius of 10km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N52.87 and Long: W1.91
	GB-2.319	near Warrington, South Warrington, Cheshire, England, GB The area contained within a circle of a radius of 10km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N53.34 and Long: W2.60
	GB-2.320	near Peterhead, Aberdeenshire, Scotland, GB The area contained within a circle of a radius of 10km, centred on WGS84 dec, coordinates Lat: N57.53 and Long: W1.94";

(2) fl-Anness XIV, fil-Parti 1, it-Taqsima B hija emendata kif ġej:

(a) fl-entrata għall-Istati Uniti, ir-ringieli għaż-żoni US-2.456, US-2.457 u US-2.458 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"US L-Istati Uniti	US-2.456	POU, RAT	N, P1		25.7.2023	6.9.2023
		GBM	P1		25.7.2023	6.9.2023
	US-2.457	POU, RAT	N, P1		29.7.2023	6.9.2023
		GBM	P1		29.7.2023	6.9.2023
	US-2.458	POU, RAT	N, P1		3.8.2023	6.9.2023
		GBM	P1		3.8.2023	6.9.2023";

(b) fl-entrata għar-Renju Unit, ir-ringieli li ġejjin għaż-żoni GB-2.318, GB-2.319 u GB-2.320 jżiedu wara r-ringieli għaż-żona GB-2.317:

<b>"GB</b> Ir-Renju Unit	GB-2.318	POU, RAT	N, P1		7.9.2023	
		GBM	P1		7.9.2023	
	GB-2.319	POU, RAT	N, P1		8.9.2023	
		GBM	P1		8.9.2023	
	GB-2.320	POU, RAT	N, P1		10.9.2023	
		GBM	P1		10.9.2023".	